L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: Il-Gimgha, 10 ta' Ottubru, 2003

**Il-Germanja wara Hitler**

Ezatt illum se nitkellem dwar il-Germanja wara Hitler! U se nqabbilha mas-sitwazzjoni Maltija. Ghazilt li nqabbel lill-Partit Laburista mal-Germanja wara Hitler ghax nemmen li tispjega tajjeb hafna dak li nixtieq nitkellem fuqu.

M'iniex se nsemmi lill-Germanja f'xi sens hazin. Ghal dawk li jafuni mill-qrib jafu li probabbilment huwa l-pajjiz Ewropew li l-iktar nammira u sfortunatament mhux biss il-politika (ta' wara id-*drittes Reich*) u l-ekonomija, izda wkoll fuq il-futbol! Nista' nghid li l-interess tieghi fil-kultura u l-lingwa Germaniza huwa hafna oghla milli wiehed jista' jahseb.

Billi nuza l-ezempju tal-Germanja lanqas ma jiena nghid li Eddie Fenech Adami huwa Hitler. Lanqas ma jien nghid li Alfred Sant huwa Hitler. U qieghda nghid dan kollu ghal raguni wahda. Ghax jien lil min ihobb jiftah halqu inhobb naghlaqhulu qabel ma jifthu! Ma rridx lil min hu razzista u jhammeg lili bit-tajn li jghum fih hu! Mela, lil dawk l-gheziez li bi hsiebhom isemmuli lil Hitler u l-artiklu tal-lum nispera li rrispondejthom minn qabel ma hallejthom jahlu l-bzieq jistaqsu. Allavolja, jekk jikkritikaw lili li qabbilt lil Malta ma Hilter hemm min ghandu x'jara aktar minni specjalment gurnalist!

Mela, issa la fhimt dak li jista' jinftiehem hazin nista' nkompli nitkellem dwar x'ghandu x'jaqsam il-Partit Laburista ma' Hitler !

L-istorja ta' Hitler u tat-Tielet Imperu Germaniz (dak li l-Germanizi jsejhulu d-*Drittes Reich*) ftit nies hawn li ma jafuhiex. It-Tielet Imperu Germaniz spicca bit-tmiem tat-Tieni Gwerra Dinjija – li hafna minkom mhux talli tafu biha talli jiftakruha!

Li gara huwa li l-Germanja spiccat kontra kulhadd u l-alleati kissruha totalment. Il-pajjiz gie bbumbardjat kollu u n-nies (Germanizi) spiccaw kollha bil-guh u kkalpestati mill-alleati. Ghalkemm ghal zmien twil il-Germanja dehret li hija r-rebbieha ghax irnexxielha tokkupa diversi artijiet, kienu l-istess nies taghha li batew. Dan jien stajt naqra dwaru fid-dettall fil-ktieb li qrajt bl-isem ta' '*Das Brot der Fruhen Jahre*' ('Il-Hobz taz-zminijiet Bikrija'). Nemmen li ghal hafna nies tant l-enfazi ssir fuq kemm batew nazzjonijiet ohra fit-Tieni Gwerra Dinjija li l-poplu Germaniz stess u t-tbatija tieghu sfortunatament jispicca ntesa.

Li gara kien li fl-1945 fil-Germanja stajt issib stragi wahda. Stragi li tara b'ghajnejk u tmissha b'idejk, djar u bini mwaqqa', familji mkissra u mifruda, l-amministrazzjoni u l-politika li trid tinbidel totalment.

Litteralment pajjiz kaotiku mmexxi li biex wiehed jiddentifika mieghu llum il-gurnata jista' jqabblu ma' kif inhu l-Iraq bhalissa. Minn hemmhekk il-politici, ghallinqas Ewropej tghallmu, izda, darba ghal dejjem, li l-gid ta' kull wiehed minnhom jirrizulta fil-gid ta' kulhadd. U pajjizi ohrajn Ewropej stess, flimkien ma' l-Amerika bdew jghinu lill-Germanja stess terga' tqum fuq saqajha.

F'daqqa wahda, mill-iktar pajjiz imkisser Ewropew, il-Germanja regghet sfat l-iktar pajjiz modern u sinjur Ewropew. Li tifhem dan huwa facili! Fejn il-Germanizi kellhom sptar u waqa' bnew wiehed gdid. L-Inglizi rrangaw li kellhom. L-istess fejn fabbrika Germaniza kienet ibbumbardjata giet mibnija ohra gdida flokha mentri nazzjonijiet ohra dejjem irrangaw li kellhom!

Fi kliem iehor ghas-semplici raguni li l-Germanizi kienu l-iktar imkissrin spiccaw l-iktar pajjiz modern u l-iktar b'sahhtu finanzjarjament.

U hawnhekk johrog tqabbil mal-Partit Laburista. Ghalkemm il-Partit Laburista jista' jidher li huwa l-iktar partit imkisser moralment fil-pajjiz u fil-fatt certi tifrik zgur li qieghed isehh u se jsehh – dan mhux necessarjament sinjal hazin. L-importanti li r-rizultat kien l-istess bhal dak Germaniz.

Il-Partit Laburista se jiggedded kwazi totalment fi ftit zmien. Se jkun hemm pilastri li jibqghu l-istess bhal ma kien hemm fil-Germanja tat-Tielet Imperu.

U dawn ukoll huma importanti. Anzi jaghtu xhieda hajja li l-Partit Laburista ghadu l-istess partit bhalma l-Germanja tat xhieda li l-Gemanizi kienu ghadhom l-istess gens qalbieni, habrieki u serju. Kollox se jiddependi mill-amministrazzjoni l-gdida kif wara t-Tieni Gwerra Dinjija kollox iddependa wkoll minn min beda mill-gdid.

Kwalunkwe istituzzjoni li tghaddi minn dik it-tip ta' bidla, però, ma rridux ninsew, ghandha cans li mhux talli tohrog rebbieha, izda talli teghleb bil-kbir lil haddiehor.

Il-Partit Nazzjonalista wkoll se jghaddi minn bidla. Però dak li jahseb li sejjer tajjeb ma' jinbidilx totalment u jibqa' fih wisq nies li rebhu l-battalji ma jaggornawx lilhom infushom u jimlew rashom li huma tajbin. Bhalma l-Ingilterra u Franza ma waqqghux il-bini taghhom u bnewh mill-gdid, hekk ukoll, il-Partit Nazzjonalista se jitraqqa' bi drappijiet ta' epoki differenti li daqqa jiccartu 'l hawn u jibqa' jibni rqajja' fuq irqajja'.

L-ahhar elezzjoni ntrebhet min-Nazzjonalisti ghax irnexxielhom, waqt li qieghed jeghrqilhom il-vapur, jsibu dghajsa tas-salvatagg u jibqghu fil-wicc biha. U l-Unjoni – il-weghda tal-mexxeja politici godda geghlet lill-poplu jivvota ghall-mexxejja l-qodma li appoggjaw tmexxija gdida (cioè dik Ewropea).

Minnha nnifisha l-elezzjoni li ghaddiet hija turija li l-poplu jrid bidla radikali fil-mexxejja tal-pajjiz. U l-Partit verament gdid se jkun il-Partit Laburista u mhux Nazzjonalista. Allura jekk il-poplu xtaq jaghmel dak li nista' nsejjahlu *spring cleaning* tal-politika Maltija, il-holma tieghu tista' ssir biss realtà lokalment fil-Partit Laburista. U proprju se jkun il-Partit Laburista tal-gejjieni li se jkollu l-energija l-gdida li l-poplu huwa mxennaq ghaliha.

Jigifieri Partit Laburista gdid se jiggieled ma' Partit Nazzjonalista mraqqa' fil-futur bhalma l-Germanja l-gdida ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija, b'infrastruttura gdida u moderna, iggieldet ekonomikament mal-pajjizi l-ohra kollha Ewropej u spiccat superjuri ghalihom. Ghalkemm ghalissa jista' jidher li l-Partit Laburista huwa ghaddej minn dilemma l-probabbiltà hi li hija biss stimolu ghall-ezami fond tal-kuxjenza li minnha se johrog iktar b'sahhtu u iktar modern.

Dawk li jistghu jidhru li huma zminijiet imdallma llum jistghu jkunu l-bidu ta' dawl gdid u mhux biss ghall-Partit Laburista, izda wkoll ghall-pajjiz kollu c-cittadini kollha. U d-dawl gdid irid jigi mkebbes sewwa minn nies godda.

Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net